MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 199/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Dawn Louise Bruno Wood**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u wihed u sebghin centezmu (Lm357.71) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' 'mobile phone' bin-numru 99474287..
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwlament mal-Avviz u bl-interessi mid-

data min meta l-ammont pretiz fit-talba sar dovut sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta tat-3 ta’ Otubru 2003 u ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqsatant fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ta’ tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u wihed u sebghin centezmu (Lm357.71), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwlament mal-Avviz ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------